**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Nru.: 956/16MH**

**Illum 14 ta' Lulju, 2017**

**Bank of Valletta plc (C2833)**

**vs**

**Agius Construction Limited (C24747) u**

**Emanuel u Mary Doris mizzewgin Agius (KI 39463M u 675661M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat** fejn Johanna Bartolo (K.I. numru 125969 (M)) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' attrici kkonfermat bil-gurament;

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius datati 13 ta' Awwissu 1999 (Dok. "A") u 18 ta' April 2000 (Dok. "B"), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta Agius Construction Limited;*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-intimata socjeta Agius Construction Limited fis-somma ta' tnejn u sittin elf, mija u dsatax-il Ewro u disghin*

*centezmu (€62,119.90) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Agius Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C4" u Dok. "D1 sa D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-6 ta' Awwissu 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius datati 13 ta' Awwissu 1999 (Dok. "A") u 18 ta' April 2000 (Dok. "B"), u fi skrittura privata datata 14 ta' Awwissu 1999 (Dok. "E") il-konvenuti Emanuel u Mary Doris mizzewgin Agius iggarantew flimkien u "in solidum" ma' Agius Construction Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Agius Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;*

4. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A", "B"u "E"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:*

   *(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

5. *Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

6. *Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 16 ta' Frar 2016 li kopja taghhom qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "F", u*

*Dok. "G", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A", "B" u "E") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

2. *Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' tnejn u sittin elf, mija u dsatax-il Ewro u disghin centezmu (€62,119.90) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Agius Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C4" u Dok. "D1 sa D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-6 ta' Awwissu 2016 sad-data ta' l-effettiv pagamentt;.*

*Mingħajr pregudizzju għall-somom oħra ta' flus dovuti mill-konvenut Emanuel Agius lis-soċjetà attriċi li għalihom is-soċjetà attriċi qed tipprocedi f'ġudizzju separat.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 16 ta' April 2016 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Dicembru, 2016[1] kjamata.

Rat li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata[2] baqghet ma ntavolat ebda risposta guramentata.

Rat ukoll in-nota u l-affidavit esebiti[3].

Semghet lil Dorianne Tanti[4] rapprezentanta tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici[5] u dik prezentata bhala DOK DT[6].

Illi mill-ezami ta' l-atti jirrizulta li t-talbiet attrici huma pruvati u jirrizultaw.

Konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A", "B" u "E") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi

[1] Foglio 32 tal-process
[2] Foglio 33 tal-process
[3] Foglio 74 tal-process
[4] Foglio 77 tal-process
[5] Foglio 80 tal-process
[6] Foglio 82 tal-process

tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbgha u hamsin elf, tlieta u tmenin Ewro u sittax il- centezmu (€54,083.16) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Agius Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C4" u Dok. "D1 sa D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-19 ta' Gunju, 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament;.

Mingħajr pregudizzju għall-somom oħra ta' flus dovuti mill-konvenut Emanuel Agius lis-soċjetà attriċi li għalihom is-soċjetà attriċi qed tipprocedi f'ġudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 16 ta' April 2016 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**